# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 1334/89 DS**

Dr. Robert Staines u Walter Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera The Guardian Royal Exchange Assurance Plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Nissan Motor Sales Ltd.u b'nota tat-23 ta' Jannar 2002 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta' Insurance Agency Limited agenti f'Malta tas-socjeta assikurattrici estera AXA Insurance plc u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Nissan Motors Sales Ltd.

vs

Carmelo Ellul Sullivan u Lawrence Ellul Sullivan bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` Sullivan Shipping Agencies Ltd agenti ta' Nissan Motor Car Carrier Co Ltd, u Godwin Abela u Lawrence Lautier in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Dicembru 1989 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi s-socjeta' Nissan Motor Sales Ltd. importat mill-Ingilterra hmistax il-karrozza (15) Nissan Bluebird li waslu Malta fuq il-Vapur ANSELINA MAGLIONE kif jirrizulta mill-Polza tal-kariku mahruga mill-Nissan Motor Carrier Co. Ltd. – Dok. A.

Illi meta l-vapur skarika l-karozzi f'idejn il-kontratturi tal-port is-socjeta konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., meta kellhom jigu konsenjati l-importatur u dan baghat surveyor tal-karrozzi biex jezaminohom, irrizulta li kien hemm nuqqasijiet u danni kif inhu elenkat fil-ghaxar pagni tad-Dok. B.

Illi ghal dan id-dannu u nuqqas is-socjeta' attrici hallset l-assigurat taghha is-somma ta' erbat elef tliet mija u sebghin lira (Lm4370.00,0) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat.

Illi l-konvenut nomine, jew min minnhom, huma responsabbli ghal din il-hsara;

Talbu lil din il-Qorti;

1. tiddkjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghal nuqqas fuq indikat;

2. tikkundanna lill-konvenut inomine jhallsu lill-atturi nomine is-somma ta' Lm4370.00,0, bl-interessi mid-data tal-pagament in linea ta' danni sofferti mill-importatur surrogati lill-atturi nomine.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ellul Sullivan nomine fejn qalu:

Illi huma kkonsenjaw il-karrozzi "de quo" fl-istat li huma gew fil-pussess taghhom u di piu ma' kien hemm ebda rimarki kontrarji fit-tally sheet rispettiva;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Abela u Lautier nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni attrici hija preskritta skond il-ligi u cioe' a tenur tas-Sub-Inciz (b) tal-Artikolu 45 tal-Port Ordinance Kap 170.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-merkanzija giet konsenjata minghajr rimarki skond kif huwa esebit bhala Dok. AA1.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Marzu 1992 fejn Dr. Ray Pace ghall-konvenuti Abela u Lautier nomine rtira l-ewwel eccezzjoni preliminari;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Abela u Lautier nomine pprezentata fit-13 ta' Ottubru 1992 fejn qalu:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-eccipjenti m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-atturi, stante li kif jirrizulta mill-eccezzjoni u okkju attrici, is-socjeta' Nissan Motor Sales Limited hemm citata, qatt ma ssurrogat lis-socjeta' attrici, kif jirrizulta mid-Dok. (813/88) esebit a Fol. 23 tal-process, fejn jirrizulta li l-hlas u s-surroga saru min Industrial Motors Limited u ghalhekk is-socjeta' attrici ma ghandha l-ebda "locus standi".

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn giet milqugha l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri filwaqt li permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 1995 dik is-sentenza giet revokata u b'hekk michuda l-istess eccezzjoni filwaqt li l-atti gew rinvijati lil din il-Qorti biex tiddeciedi fil-mertu;

Rat in-nota ta' l-Imhallef Joseph A. Filletti ta' l-4 ta' Ottubru 1999 fejn astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kaz;

Rat in-nota ta' l-Imhallef Raymond C. Pace tal-11 ta' Ottubru 1999 fejn astjena ukoll milli jiehu konjizzjoni tal-kaz;
`
Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` assikuratrici attrici talbet rimborz minghand is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom tas-somma minnha mhallsa wara *claim* li ghamlet is-socjeta` assikurata Nissan Motor Sales Limited ghal hsara u nuqqasijiet f'vetturi li l-istess socjeta` assikurata importat f'Malta. Il-vetturi koncernati kienu 15 Nissan Bluebird li jidher li waslu Malta abbord il-bastiment ANSELINA MAGLIONE fit-28 ta' Dicembru 1988. Skond id-Dok. B(1) sa B(10) is-somma pretiza mis-socjeta` importatrici kienet ta' Lm6146.28, izda l-ammont li jirrizulta mhallas skond is-*subrogation form* kien ta' Lm4370.70. L-ammont li qieghed jintalab fic-citazzjoni huwa ta' Lm4370.

Iz-zewg socjetajiet konvenuti qeghdin jichdu responsabbilta` ghan-nuqqasijiet u hsarat, is-socjeta` Sullivan Shipping Agencies Limited a bazi tat-*tally sheet* li jirrizulta bla rimarka u s-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. a bazi tal-*gate pass-out* li huwa wkoll bla rimarka.

Issa l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet fejn ikkummentaw dwar l-importanza tat-*tally sheet* u tal-*gate pass-out* fir-ricerka tar-responsabbilta`. Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Michael Gatt noe vs L-Avukat Philip Sciberras noe et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Kumercjali fl-20 ta' April 1995 (Vol. LXXIX.ii.903):

> *"Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha* ***juris tantum*** *tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-**tally sheet**; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-**Gate Pass-Out**;*
>
> *Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-opportunita`,*

> *f'waqtha* ***a tempo vergine****, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi* ***a posteriori*** *ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni* ***juris tantum*** *li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici dokumenti li gew ikkompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni."*

Tali prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghhom (ara per ezempju **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe** – Vol. LXXIII.iv.948 – deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989, u **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe** – citaz. nru. 325/94 – deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fil-15 ta' Gunju 1999).

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. tirreferi ghal diversi mumenti fit-tragitt tal-vetturi in kwistjoni.

Tirreferi ghal meta dawn il-vetturi gew mghobbija fuq il-vapur u ghall-mument li gew skarikati. Dwar it-tghabija fuq il-vapur il-polza ta' kariku (Dok. A) titkellem wahedha ghax ma hemm l-ebda rimarka fuqha. Inoltre t-*tally sheet* li sar meta l-vetturi gew skarikati (Dok. JES a fol. 161) hija wkoll bla rimarka. Is-sinifikat tat-*tally sheet* huwa ovvju: li mhux biss *on the face of it* jirrizulta li l-vetturi gew skarikati bla hsarat u bla nuqqasijiet izda li allura bil-fors kienu gew karikati fuq il-vapur fl-istess kondizzjoni, cioe` bla hsarat u bla nuqqasijiet. Fin-nota taghha l-istess socjeta` konvenuta tilmenta li fil-mument ta' skarikar it-*tally sheet* tigi kompilata b'ghaggla kbira u l-ispezzjoni li ssir hi wahda superficjali. Issa fit-*tally sheet* ta' din is-socjeta` konvenuta (Dok. PB1 a fol. 165) ma tirrizulta l-ebda rimarka dwar l-ebda vettura filwaqt li fit-*tally sheet* tas-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Ltd. tirrizulta rimarka wahda dwar xi hsarat fuq Volvo.

Certament bhal ma kien hemm rimarka dwar il-Volvo, il-Qorti tifhem li ma kien hemm xejn x'izomm lit-*tally clerks* milli jnizzlu l-hsarat u nuqqasijiet li seta' kien hemm fil-vetturi Nissan, ikkunsidrat ukoll l-entita` taghhom. Specjalment fil-kaz tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., li hadet hi in konsenja l-vetturi kollha, kien zgur fl-interess taghha li tara jekk kien hemm xi hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi meta dawn kienu qed jigu skarikati, ghax jekk dawn id-dettalji ma jitnizzlux hija tista' ssib ruhha kkundannata biex taghmel tajjeb ghalihom ukoll.

Fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ma ppruvatx dak li qed tallega li t-*tallying* sar b'mod superficjali. Anzi meta gie esebit t-*tally sheet* Dok. PB1 minn Peter Bonello, huwa ddeskriva dan id-dokument bhala li jindika li din is-socjeta` rceviet il-vetturi "bla hsara" (a fol. 164).

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk is-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Ltd. ma tistax titqies responsabbli ghall-ebda parti mid-danni pretizi. Billi jirrizulta pero` li meta s-socjeta` importatrici kitbet lil din is-socjeta` biex izzommha responsabbli ghad-danni, ir-risposta kienet biss cahda ta' responsabbilta`, meta setghet intbaghtet kopja tat-*tally sheet* li kienet tikkristalizza l-pozizzjoni ta' dik is-socjeta`, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Ltd. ghandha tbati l-ispejjez taghha stess tal-kawza.

Fir-rigward tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd., bhalma diga` gie osservat, il-*gate pass-out* relattiv huwa wkoll bla rimarka u gie ffirmat minn rapprezentant tas-socjeta` importatrici meta din irtirat il-vetturi. U l-imsemmi Peter Bonello wkoll irrefera ghal dan id-dokument bhala indikattiv li l-vetturi gew rilaxxati "bla hsara".

Izda gew prodotti provi li jindikaw li l-vetturi kellhom hsarat u nuqqasijiet sostanzjali. Huma dawn il-provi serji u konvincenti bizzejjed biex ixejnu dak li jirrizulta mill-*gate pass-out*?

L-imsemmi dokument gie ffirmat minn Louis Schembri (ara xiehda tieghu a fol. 147 – 150) li kien jahdem mas-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Ltd. bhala messaggier. Huwa xehed li kien jinzel ix-xatt kemm jiffirma l-*pass* biss biex johrog il-karrozzi u ma kellux x'jaqsam ma' x'hemm u x'm'hemmx fil-karrozzi. Ghal dak kien responsabbli Elia Azzopardi. Il-*pass* lanqas kien jaqrah.

Elia Azzopardi (ara xiehda tieghu a fol. 63 – 65) ikkonferma li dokumenti bhall-*gate pass-out* kien jiffirmahom Louis Schembri li pero` ma kellux il-kompitu li jikkonstata l-hsarat fil-vetturi. Kien hu, jigifieri Azzopardi, li kien responsabbli ghal dan; u fil-fatt in-nuqqasijiet u hsarat rahom flimkien mas-*surveyor* Charles Attard il-Marsa. Huwa kkonferma wkoll li l-ammont li ntalab mill-assikurazzjoni kien ta' Lm6146.28 skond id-Dok. B, izda li thallas ammont inqas.

Charles Attard ikkonferma s-*survey* li ghamel hu (Dok. C a fol. 16 u 17) u li dan ghamlu f'Laboratory Wharf, Marsa, qabel ma l-karrozzi hargu mill-Gate. Huwa xehed li minhabba l-kwantita` ta' nuqqasijiet u hsarat li kien

hemm huwa avza lill-assigurazzjoni biex jekk hemm boznn issir inkjesta. Huwa spjega li jezamina l-karrozzi fil-prezenza tar-rapprezentant ta' l-agent tal-karrozzi, u minn certi hsarat anke minghajr dokumenti ta' l-agent jinduna jekk karrozza kellhiex certi accessorji jew le.

Li sar rapport lill-Pulizija dwar in-nuqqasijiet u hsarat jirrizulta mid-Dok. D(1) u D(2). Inoltre mid-Dok. E u F jidher li l-vetturi kollha kellhom radio meta gew spediti.

Fil-fehma tal-Qorti kien nuqqas da parti ta' l-importatur li jithalla li jigi ffirmat il-*gate pass-out* minghajr rimarka. Izda dan ma jfissirx li l-provi kuntrarji ghandhom jigu skartati. Difatti dawn il-provi fis-sens li l-vetturi in kwistjoni fil-fatt gew rilaxxati b'diversi hsarat u nuqqasijiet huma ferm konvincenti. Mhux biss hemm ix-xiehda ta' Elia Azzopardi u partikolarment tas-*surveyor* Charles Attard li ezaminaw l-istess vetturi qabel ma gew rilaxxati, izda sahansitra hemm ir-rapport li sar lill-Pulizija f'dar-rigward. Il-Qorti ghalhekk m'ghandha l-ebda dubju li l-vetturi gew rilaxxati bil-hsarat u nuqqasijiet indikati mis-*surveyor* u li dawn sehhew waqt li l-istess vetturi kienu taht il-kustodja tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Fl-istess nota ta' osservazzjonijiet, din is-socjeta` tghid li skond l-artikolu 90 tal-Port Regulations 1966 hemm specifikat illi l-vetturi ghandhom jinhaznu skond l-iskeda numru 13 ta' l-istess regolamenti, u cioe` fil-berah u *at the sole risk of the owner*. Izda dwar dan diga` gie deciz drabi ohra li dak ir-regolament ma jeskludix ir-responsabbilta` tal-Cargo Handling. Hekk per ezempju fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe**:

> *"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Suprintendent ma' min jircievi l-ordni ta' l-istess Suprintendent, li fiz-zmien li sar – fl-1966 – kien ikun is-sid, waqt li llum post dan ittiehed mill-Cargo Handling li tinghata u tircievi l-ordni minghand is-Suprintendent. Il-Cargo Handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li gew akkordati lilha u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tahzen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt."*

Ghall-hsarat u nuqqasijiet imsemmija ghalhekk trid taghmel tajjeb is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti Carmelo Ellul Sullivan u Lawrence Ellul Sullivan nomine u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju b'dan li l-ispejjez taghhom tal-kawza jigu sopportati minnhom stess, tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti Godwin Abela u Lawrence Lautier nomine u ghalhekk tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. billi

(1) tiddikjara lill-istess socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. responsabbli ghad-danni fuq imsemmija, u
(2) tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta' Lm4370 in lineja ta' danni bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez, salv dak li ntqal fuq fir-rigward tas-socjeta` konvenuta l-ohra u salv dak deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 1995, kontra s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna D/Registratur